



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12108/19

COHOM 97
COPS 275
DEVGEN 165
FREMP 114
CONUN 114
CFSP/PESC 670

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11918/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra adottati mill-Kunsill fit-3712-il laqgħa tiegħu fis-16 ta' Settembru 2019.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
il-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura
u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra**

1. Il-Kunsill jilqa' l-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra u japprova l-linji gwida riveduti. Il-Kunsill jibqa' serjament imħasseb dwar l-użu mifrux tat-tortura u ta' trattament ħażin ieħor madwar id-dinja.
2. Il-Kunsill ifakkar li l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor hija assoluta fid-dritt internazzjonali. Il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin ieħor hija minquxa fi ħdan il-qafas legali u politiku tal-UE u l-UE ser tkompli topponi kwalunkwe tentattiv li jillimita din il-projbizzjoni assoluta. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha jafferaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-ġlieda kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor madwar id-dinja, f'konformità mat-trattati u l-istandards internazzjonali u reġjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kondotta tal-kunflitt armat.
3. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa u tikkundanna l-użu tat-tortura u trattament ħażin ieħor minn atturi statali u mhux statali, kull fejn iseħħu u fi kwalunkwe forma, bl-użu tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rilevanza ta' approċċ komprensiv għall-qerda tat-tortura li jinkludi l-elementi essenzjali kollha: il-projbizzjoni, il-prevenzjoni, ir-responsabbiltà u r-rimedju għall-vittmi.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' salvagwardji proċedurali, b'mod partikolari fl-ewwel sigħat ta' detenzjoni, għall-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor.

4. L-UE tappella lill-Istati kollha biex jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem skont id-dritt internazzjonali inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-migrazzjoni, it-traffikar tal-bnedmin u kuntesti oħra ta' maniġġar ta' kriżijiet, b'attenzjoni partikolari għal dawk fis-sitwazzjonijiet l-aktar vulnerabbli. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza tal-integrazzjoni tas-salvagwardji kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor fl-azzjonijiet u l-politiki kollha.
5. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha u t-teħid ta' azzjonijiet konġunti huwa kritiku għall-qerda tat-tortura. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni mal-mekkaniżmi tan-NU u l-korpi reġjonali, kif ukoll ma' atturi rilevanti oħra bħall-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ewlieni tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni indipendenti kif ukoll ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġlieda kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor.
6. Il-Kunsill jinnota b'apprezzament il-progress li sar mill-Alleanza Globali għall-Kummerċ Liberu mit-Torturi, sforz transreġjonali li jiġbor aktar minn 60 pajjiż impenjati biex itemmu l-kummerċ fi prodotti użati għat-tortura u l-piena kapitali b'mod globali. Il-Kunsill jilqa' r-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Kummerċ Liberu mit-Torturi u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali komuni f'dan il-qasam. Huwa jilqa' wkoll il-ħidma li tinsab għaddejja fuq ir-reviżjoni tal-Protokoll ta' Istanbul dwar Investigazzjoni Effettiva u Dokumentazzjoni tat-Tortura u tat-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra.
7. Il-linji gwida riveduti jipprovdu gwida Prattika lill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE, inkluż fuq firxa wiesgħa ta' għodod li jistgħu jintużaw fl-involviment tagħhom ma' pajjiżi terzi u f'fora multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem biex jappoġġaw u jsaħħu l-isforzi li għaddejjin biex jinqerdu t-tortura u trattament ħażin ieħor mad-dinja kollha. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) ser isegwi l-implimentazzjoni tagħhom f'kooperazzjoni mill-qrib, fejn adatt, ma' gruppi ta' ħidma oħrajn tal-Kunsill.